MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2003

Numru 680/1999

**Il-Pulizija**

(Spettur Mario Tonna)
**vs**

**Joseph Mary Difesa**
**Michael Sultana**
**Carmel Zammit**
**Nazzareno Buhagiar**

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmija: Joseph Mary Difesa ta' 53 sena mwieled nhar il- 21 ta' Settembru 1951 gewwa Valletta bin il- mejjet, Joseph u Maria nee' Farrugia, residenti Villa Difesa, Triq Santa Klara, Bahar ic- Caghaq, limit ta' Naxxar detenur tal- Karta ta' l- Identita' Nru: 723051(M).

Michael Sultana ta’ 28 sena, mwieled nhar it- 23 ta’ April 1975 gewwa Pieta’, bin Angelo u Jane nee’ Ciantar, residenti Villa Difesa, Flat 1, Triq Santa Klara, Bahar ic- Caghaq, limiti ta’ Naxxar detenur tal- Karta ta’ l- Identita’ Nru: 232575(M).

Carmel Zammit ta’ 42 sena, mwieled nhar il- 5 ta Lulju 1961 gewwa Pieta’, bin il- mejjet Angelo u Rosaria nee’ Chalmers, u residenti ‘Taz- Zan’ Misrah San Guzepp, Hal Safi, u detenur tal- Karta tal- Identita’ Nru: 442061 (M).

Nazzareno Buhagiar ta’ 28 sena, mwieled nhar it- 13 ta’ Ottubru 1970 gewwa l- Belt Valletta, iben Joseph u Censina nee Baldacchino, residenti gewwa ‘Freddy Helly’, Flat 2, Triq Notabile, Birkirkara, u detenur tal- Karta tal- Identita Nru: 442470(M).

Talli nhar l- 24 ta’ Lulju 1999 ghall- habta ta’ 10.30am u fil- gimghat ta’ qabel, gewwa triq il- Merkanti, il- Belt Valletta, u triq it- Teatru il- Qadim, il- Belt Valletta, fuq l- istand Nru: 107, 50 u 36 tas- suq miftuh maghruf bhala il- monti illicenzjata fuq isimhom, iffalsifikaw jew biddilu minghir il- kunsens tas- sid l- ismijiet, il- marki jew is- sinjali distintivi tax- xoghol tal- mohh jew ta’ prodott ta’ industrija jew xjentament, ghamlu uzu ta’ dawn l- ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il- kunsens tas- sid.

U aktar talli fl- istess cirkostanzi, ghamlu uzu, xjentament ta’ marka, sinjal, tabella, jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqaraq lix- xerrej dwar ix- xorta tal- merkanzija, jew bieghu merkanzija b’ din il- marka jew emblema.

U aktar talli fl- istess cirkostanzi, qeghedu fil- kummerc, merkanzija li ghaliha giet irregistrata trade-mark distintiva, wara li nehhew dik il- marka minghajr il- kunsens ta’ sidha.

U aktar talli fl- istess cirkostanzi, wahhalu fuq merkanzija deskrizzjoni kummercjali falza, igifieri,

wahhalu, iffalsifikajw jew biddilu cifra, kelma jew marka illi skond l- uzu tal- kummerc tiswa biex turi, il- fatt illi l-merkanzija jkollha privattiva, privilegg jew jedd ta’ propjeta industrijali.

U aktar talli fl- istess cirkostanzi, xjentament qieghdu fic- cirkolazjoni, bieghu jew zammew ghandkhom ghall- bejgh jew importaw ghall- hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’ marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’ qerq.

U aktar talli fl- istess cirkostanzi, xjentamet ghamilu, zammew ghandhom, jew ittrasferixxew lill-haddiehor, konn, klixe’, magna jew ghodod ohra sabiex jiffalsifikaw, jew sabiex jigu wzati ghall- falsifikazzjoni ta’ trade marak u dan ai termini tal- artikoli 298 (a), (c), (d), (e, iv), (f) u (g). 299, 300, 301 302 (a), (b), (c), 303, 304 (a), (b), (c), u (d), 305, tal- kapitolu 9 tal- ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl- istess cirkostanzi, talli ghall-qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampaw, immanifatturaw, idduplikaw jew b’ xi mod iehor ipproducew jew ikkupjaw jew biegheu, qassamu jew b’ mod iehor offrew ghall- bejgh jew qassmu xi artikoli jew xi haga ohra, bi ksur tal- jeddijiet, li johorgu mid- drittijiet ta’ l-awtur li ghanda persuna ohra u protetti bil- ligi ta’ Malta jew tahtha. U cioe’, Polygram Int. Music B.V., Sony Music International, BMG International, EMI Music International Services Ltd., Warner Music International, IFPI, MPA, AACT, rappresentanti minn Associaton Against Copyright Theft, u Sony Computer Entertainment Europe rappresentati minn Forestals Appliances Ltd. U dan ai termini tal- artikolu 298B tal- kapitolu 9 tal- ligijiet ta’ Malta.

U aktar Michael Sultana, Carmelo Zammit u Nazzareno Buhagiar akkuzati talli fl- istess zminijiet u cirkostanzi ezercitaw mestier ta’ bejjiegha fit- toroq, minghajr il-licenzja tal- kummisarju tal- Pulizija u dan ai termini tal-artikolu 181 (1) tal- kapitolu 10 tal- ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix- xhieda bil- gurament.

Rat l- atti u d- dokumenti kollha fosthom in- noti ta’ l- Avukat Generali.

Rat li l- akkuzati ma oggezjonawx li l- kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja quddiem din il- Qorti.

Ikkonsidrat,

1. Fl- 24 ta’ Lulju 1999 ghall- habta ta’ l- 10.30 am il- Pulizija ghamlet spezzjoni fuq il- Monti u sabet compact disks li deherilha li ma kienux originali.

2. Mill- ezami li ghamel l- espert Martin Bajjada irrizulta li dawk misjuba ghand Michael Sultana u Carmelo Zammit kienu kontra l- ligi. Dawk ghand l- akkuzat Buhagiar kienu ex- rentals imma ma jirrizultax li l- bejgh taghhom gie ristrett. Dwar l- akkuzat Difesa ma jirrizulta xejn.

3. Jirrizulta li l- akkuzati Sultana, Zammit u Nazzareno Buhagiar ma ghandhom l- ebda licenzja biex jghamluha ta’ bejjiegha fuq il- Monti. Difesa ghandu.

4. Ghalekk il- Qorti tillibera lill- akkuzat Difesa minn kull akkuza.

5. Fil- konfront ta’ Nazzareno Buhagiar issibu hati biss li ghamel xoghol minghir il- licenzja tal- Pulizija. Ghandu licenzja imma fuq is- Swieqi. Rat l- art 181 (1) tal- kap 10 tal- ligijiet ta’ Malta. Liberat minn kull akkuza.

6. Fil- konfront ta’ l- akkuzati Sultana u Zammit issibhom hatja li zammew ghal bejgh oggetti kontra il- ligi u kisru il- jeddijiet ta’ l- awtur mharsa mill- Ligi ta’ dawn il- gzejjer. Michael Sultana fl- 4 ta’ Gunju 1996 kien gie liberat minn din il- Qorti (diversament preseduta) bil- kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien (6) xhur. Iz- zmien ghadda u mhux kaz ta’ ricediva. Zammit hu ricediv. (ara sentenza tal- 11 ta’ Mejju 1998)

7. Fil- konfront ta’ l- akkuzat Sultana rat l- art 298B tal- Kap 9, l- art 181 tal- Kap 10, l- art 17(d) tal Kap 9 tikkundannah mija u hamsin lira Maltija (Lm 150) multa pagabbli fi zmien xaharejn mil- llum u tordna l- konfiska tal- Compact disks misjubin ghandu. Tilliberah mill- akkuzi l- ohra.

8. Fil- konfront ta’ Carmel Zammit rat l- art 298B tal- Kap 9, l- art 181 tal- kap 10, l- art 49 u 50 tal- Kap 9, tikkundannah mija u hamsin lira Maltija (Lm 150) multa pagabbli fi zmien xaharejn mil- llum u tordna il- konfiska tal- Compact disks misjubin ghandu. Tilliberah mill- akkuzi l- ohra.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------